**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 33 - IT-TLIETA 5 TA' MEJJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:41pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (Wasal fit-20:10) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fit-19:50) |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier (waslet fit-20:11) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku.

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Galea, Gatt u Cuomo infurmawh li kienu se jaslu tard għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien qabel li jipparteċipa minn qabel għall-okkażjoni ta' *Light up the Night,* billi jdawwal il-faċċata tal-Kunsill. Spjegat li l-kumpanija Transient offrew li jdawlu l-faċċata tal-Kunsill bla ħlas.

3.2. Is-SE informa li l-Viċi Sindku ġiet avviċinata biex il-Kunsill jidħol fi proġett ta' studju konġunt dwar l-iskart. Dan il-proġett jikkonsisti fi studju biex jiġi identifikat, mill-iskart li jintrema, li jkun jista jintuża bħala *fuel* għall-Biogas Plant. Skont din il-kumpanija, il-MEPA huma lesti li jiffinanzjaw €300,000 għal dan l-istudju. Għal dan, il-kumpanija li qed tieħu ħsieb se tressaq applikazzjoni lill-MEPA għall-finanzjament. Il-Kunsill mhux se tinvolvih spejjeż. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

3.3. Fir-rigward tal-għajnuna taħt l-iskema tal-libreriji il-Kunsill qabel li japplika bħas-soltu.

3.4. Is-Sindku infurmat li l-attività Let's do it! Malta ġiet ikkanċellata minħabba x-xogħol li qed isir fi Triq il-Kosta.

3.5. Is-SE informa li kien wasal appell fuq deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti mingħand Hilltop Gardens dwar il-kulur tat-tabelli li talbu l-permess li jwaħħlu madwar ir-raħal. Is-Sindku avżat li l-Kunsill irid joqgħod attent sabiex ma joħloqx preċedent. Hija staqsiet lis-SE jekk il-Kunsill jistax imur lura mid-deċiżjoni meħuda. Is-SE wieġeb illi, għalkemm il-By Law ma titkellimx dwar appelli, jekk wieħed iqis regolamenti u liġijiet oħra dwar applikazzjonijiet (inklużi dawk tal-permessi), dawn normalment jgħatu l-opportunità lil wieħed li jappella mid-deċiżjoni u għalhekk iħoss li l-Kunsill m'għandux iċaħħad lill-applikant milli jappella u għalhekk awtomatikament il-Kunsill jista' jirrikonsidra d-deċiżjoni. Il-Kunsillier Sciberras sostna li l-Kunsill m'għandux jitlob li t-tabelli jkollom kulur jekk mhux skont il-logo tal-entità għax dak ikun il-*brand* tal-kumpanija u allura ma jinbidilx.

3.6. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt. Il-ħin kien it-19:50.

3.7. Is-SE informa lill-Kunsill li, għalkemm il-Kunsill addotta din il-*policy* tal-kuluri tat-tabelli ta' direzzjoni, teknikament m'għandux bażi legali u għalhekk jista jkun li l-applikant ifittex lill-Kunsill legalment.

3.8. Wara diskussjoni kien hemm qbil li deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jittieħdu b'mod individwali għal kull kaz u mhux b'mod ġenerali. Għalhekk kien hemm il-qbil li jilqgħu l-appell u tinbidel id-deċiżjoni preċedenti billi l-applikant jagħmel it-tabelli skont it-talba tiegħu u l-mudell li pprovda għall-kunsiderazzjoni.

3.9. Is-Sindku fakkret li l-iskola primarja organizzat l-attività Healthy Week, fejn il-Kunsill ipparteċipa billi offra xi ikel. L-attività tidher li kienet suċċess.

3.10. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li ġiet mistiedna minn LEAP biex tattendi żjara ta' studju fl-Irlanda. M'hemm l-ebda spejjeż għall-Kunsill Lokali.

### 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A.

4.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'B u Ċ rispettivament.

### 5. RAPPORT DWAR PROĊESS GĦAL MIŻURI TA' TRAFFIKU U TISBIEĦ FIĊ-ĊENTRU

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapport li kien mitlub mill-Kunsill.

5.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea. Il-ħin kien t-20:10.

5.3. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jkun involut il-Ministru tal-Ambjent ukoll minbarra l-MEPA u TM.

5.4. Il-Kunsillier Gatt staqsa min se jkun meqjus residenti għall-fini tar-rapport. Kien spjegat u maqbul li r-residenti kollha għandhom ikunu involuti.

5.5. F'dan il-ħin waslet il-Kunsillier Cuomo. Il-ħin kien t-20:11.

5.6. Is-SE informa li dan kien biss kunċett u għalhekk, appena l-Kunsill japprovah, ikun irid isir l-istudju kif indikat fir-rapport. Huwa importanti wkoll illi l-Kunsill ma jikkommettix ruħu għal miżuri qabel ma jkun finalizzat ir-rapport għaliex inkella jintilef l-iskop kollu. Is-SE saħaq li f'dan l-istadju, jekk il-Kunsill jaqbel li jipproċedi, huwa essenzjali li l-Kunsill jaqbel mal-kunċett u jibda billi jaqbel jew jirranġa fejn hemm elenkati il-problemi fir-rapport. Jekk il-Kunsill jibda billi jaqbel mal-lista ta' problemi u jkun irid isolvihom, allura dan ikun l-ewwel pass.

5.7. Is-Sindku sostniet li huwa importanti li jekk il-Kunsill imexxi dan il-proġett, il-membri kollha tal-Kunsill iridu jkunu lesti li jkunu kommessi sal-aħħar.

5.8. Il-Kunsillier Sciberras saħaq li ma jaqbilx kif inhu ppjanat ir-rapport. Fil-fehma tiegħu il-Kunsill għandu jagħmel il-konsultazzjoni qabel ma jibdew isiru xi tip ta' studji.

5.9. Is-SE issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkonsulta u jibda xi studji bażiċi, bħal *traffic* u *parking counts*, fl-istess ħin.

5.10. Il-Kunsillier Sciberras kompla sostna li l-konsultazzjoni għandha tiġi qabel ma jibda kull tip ta' studju.

5.11. Meta l-Kunsill ġie biex jieħu d-deċiżjoni, il-Kunsillieri kollha, għajr il-Kunsillier Sciberras approvaw ir-rapport.

## 6. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

6.1. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea talab li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex jinidirizza l-Kunsill fuq materja personali.

6.2. Il-Kunsill qabel. Il-Ħin kien id-20:49.

6.3. Il-laqgħa kompliet fid-20:52.

## 7. GĦOTI TAL-OFFERTA TAL-*MOBILE APPLICATION*

7.1. Is-SE informa lill-Kunsill li l-unika offerta li intefgħet kienet għolja wisq. Informa ukoll li kien qed jikoordina laqgħa mal-*Managing Authority* biex forsi tinsab xi soluzzjoni.

## 8. RAPPORTI MINN SOTTOKUMITATI

8.1. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li għall-attività MeDIETerranea, li qed tiġi organizzata mill-Majjistral Action Group, se jkun hemm trasport għal tfal mill-iskejjel, fil-15 ta' Mejju, sabiex iżuru l-attività.

## 9. TABELLI TAT-TRAFFIKU TA' KWALITÀ AKBAR

9.1. Il-Kunsillier Gatt informa li wara d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jinbidlu ammont ta' tabelli tat-traffiku, huwa flimkien mal-amministrazzjoni kien indaga dwar tabelli ta' kwalita għolja ħafna.

9.2. Dawn it-tabelli filfatt jiswew aktar mit-tabelli li l-Kunsill jixtri bħal issa, però għandhom ħajja itwal.

9.3. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti għal tabelli ta' kwalità ogħla u bil-ħsieb li jbiddel it-tabelli taċ-ċentru. Għal dan il-għan għandhom jinkisbu speċifikazzjonijiet tekniċi.

## 10. MOZZJONI DWAR AĠĠORNAMENT TAL-WEBSITE U L-KUNTATT

10.1. Is-Sindku ressqet mozzjoni biex kemm il-website kif ukoll il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek jingħataw b'kuntratt għaliex ħasset li l-Kunsillieri mhux dejjem ikollhom ħin biżżejjed f'idejhom biex jagħmlu dan ix-xogħol. Issekondat il-Viċi Sindku.

10.2. Il-Kunsillier Sciberras sostna li l-website hija lesta u għadu biss qed jistenna l-opinjoni u materjal mingħand il-Kunsilliera.

10.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru xi arranġamenti fil-website, li għandha tkun lesta sal-aħħar ta' Mejju.

10.4. Il-Kunsillier Miceli talbet li tkun skużata mill-bqijja tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:48.

10.5. Dwar il-Kuntatt, kien hemm qbil li tibqa fir-responsabbiltajiet tal-Kunsillier Sciberras.

## 11. INIZZJATTIVI FAVUR IMMANIĠĠJAR AĦJAR TAL-ISKART

11.1. Il-Kunsillier Sciberras semma l-importanza li l-Kunsill jimbarka fuq aktar promozzjoni u faċilitajiet biex ir-residenti jisseparaw aktar skart. Huwa fakkar li hemm materjal li qiegħed jitħallat u li jagħmel ħsara lill-iskart organiku. Eżempju ta' dan huma l-bozoz u t-tubi. Semma għalhekk l-idea li jitpoġġew kontenituri fil-bini tal-Kunsill biex fihom wieħed jista' jġib dan it-tip ta' materjal kif ukoll ħwejjeġ.

11.2. Kompla jispjega li dan huwa proġett sabiex finalment l-iskart organiku jkun jista' jibda jinġabar waħdu mingħajr kontanimazzjoni.

11.3. Il-Kunsillier Sciberras ikkonkluda li l-Wasteserv huma lesti li jgħinu f'dan il-proġett.

11.4. Il-Kunsill qabel li jaħseb f'dawn l-inizjattivi.

11.5. Is-SE informa li kien hemm talba minn Giovanni Curmi Higher Secondary biex titpoġġa BIS barra l-grada tal-iskola. Il-Kunsill però ma qabilx li titpoġġa barra mill-iskola minħabba riskju ta' użu ħażin iżda jkun lest li jgħin mill-aħjar biex Green Pak jipprovdu l-kontenituri.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2015.

12.2. Il-laqgħa intemmet fl-22:13.

| | |
|---|---|
| *(Iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
| **MARIA F. DEGUARA** ***MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 33

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-8 ta' April 2015 sad-29 ta' April 2015

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €190.15 | €190.15 | T | PF | Planning Application reviews - Mar 15 | 31/03/2015 | 1516 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agri Co-operative Ltd | €7,310.10 | €7,310.10 | D | PF | Garden maintenance - 70% of the monthly fee for Feb till Apr 14 as an out of Court settlement. | n/a | n/a | n/a | n/a | 3061 | 18652 |
| 3 | Anthony Galea | €100.00 | €100.00 | D | PF | Tiswija ta' Bandli, tiswija ta' mera u fanal, brackits, tiswija ta' barier, tiswija ta' tabella | 27/04/2015 | 49 | 5163 | 5163 | 2310 | |
| 4 | Arms Ltd | €26.16 | €26.16 | D | PF | Electricity & water consumption bill for the Old Mill in Triq Giuseppe Stivala [27/09/14 till 02/04/15] | 17/04/2015 | 20203743 | n/a | n/a | 2130 | 18654 |
| 5 | Arms Ltd | €239.80 | €239.80 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Gnien l-Eghnieq [2/12/14 till 2/3/15] | 20/04/2015 | 20229655 | n/a | n/a | 2130 | 18663 |
| 6 | Arms Ltd | €126.91 | €126.91 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Water Pump [17/1/15 till 3/3/15] | 20/04/2015 | 20230404 | n/a | n/a | 2130 | 18664 |
| 7 | Arms Ltd | €194.81 | €194.81 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Gnien l-Unjoni Ewropeja [2/12/14 till 2/3/15] | 20/04/2015 | 20229651 | n/a | n/a | 2130 | 18665 |
| 8 | Arms Ltd | €68.32 | €68.32 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Public Garden & Parking [3/12/14 till 27/2/15] | 20/04/2015 | 20229654 | n/a | n/a | 2130 | 18666 |
| 9 | Arms Ltd | €15.88 | €15.88 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Public Garden in Triq Sir H Luke [17/1/15 till 3/3/15] | 20/04/2015 | 20229659 | n/a | n/a | 2130 | 18667 |
| 10 | Arms Ltd | €54.88 | €54.88 | D | PF | Electricity & water consumption bill - Gnien il-Hamrija [3/12/14 till 2/3/15] | 20/04/2015 | 20229658 | n/a | n/a | 2130 | 18668 |
| 11 | Bitmac Works Ltd | €122.85 | €122.85 | K | PF | Instant road repair | 10/04/2015 | 115807 | 5150 | 5150 | 2311 | |
| 12 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair | 17/04/2015 | 116022 | 5154b | 5154b | 2311 | |
| 13 | C&C Projects Ltd | €106.56 | €106.56 | T | PF | Certification fee as per item 1 of contract agreement 10/2011 - 0.9% of 11,840.52 vat incl for pavement works in Triq it-Tunnara, BIC | 22/04/2015 | 150408 | n/a | n/a | 3130 | |
| 14 | Camron Garage | €77.88 | €77.88 | D | PF | Transport service re. Kreanza Mar 15 | 17/04/2015 | 125 | 5052c | 5052c | 2720 | |
| 15 | Cash | €40.00 | €40.00 | D | PF | Petty cash - end of Mar 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 18648 |
| 16 | CDA Ink & Toner Ltd | €264.89 | €264.89 | D | PF | 6 toners for office printers | 09/04/2015 | 11667 | 5140 | 5140 | 2670 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Mar 15 | 07/04/2015 | 14 | n/a | n/a | 3051 | |
| 18 | Commissioner of Inland Revenue | €3,353.00 | €3,353.00 | D | PF | FSS + NI - Mar 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 18597 |
| 19 | CSD Office Trade | €29.40 | €29.40 | D | PF | Key tags, masking tape, tape clear. | 09/04/2015 | 52819 | 5145 | 5145 | 2620 | |
| 20 | CV Woodworks Co. Ltd | €145.56 | €145.56 | D | PF | 4 black shutter sheets for Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, rain water culverts | 18/04/2015 | 254 | 5155 | 5155 | 2310 | |
| 21 | CV Woodworks Co. Ltd | €82.60 | €82.60 | D | PF | Toilet wash hand basin incl. pedestal & chrome tap (public toilets, ground floor, Naxxar Civic Centre) | 27/04/2015 | 256 | n/a | n/a | 2310 | |
| 22 | Dipartiment Proprjeta tal-Gvern | €232.94 | €232.94 | D | PF | Rental charge for the football ground & public convenience [6/4/2015 till 5/4/2016] | 01/04/2015 | 1363785 | n/a | n/a | 2400 | 18601 |
| 23 | EHL Hire Shop | €38.00 | €38.00 | D | PF | Hire of jigger | 22/04/2015 | MRH13553 | 5156a | 5156a | 2375 | |
| 24 | G4S Security Services Ltd | €336.30 | €336.30 | D | PF | Cash collection services - Mar 15 | 31/03/2015 | GS012063 | n/a | n/a | 3190 | |
| 25 | Go plc | €97.11 | €97.11 | D | PF | Telephony monthly service - Mar 15 (21416341) | 05/04/2015 | 42601292 | n/a | n/a | 2160 | 18598 |
| 26 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Apr 15 (21417224) | 05/04/2015 | 42601233 | n/a | n/a | 2160 | 18599 |
| 27 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Apr 15 (21416363) | 05/04/2015 | 42601296 | n/a | n/a | 2160 | 18600 |
| 28 | Grace Camilleri | €187.25 | €187.25 | D | PF | Branch librarian service - Mar 15 | 07/04/2015 | Mar-15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 29 | GS Superstore | €30.15 | €30.15 | D | PF | Lora green sliced olives by 7; Vera naturale 50cl by 50; etc. "Health week" | n/a | n/a | 5152 | 5152 | 3370 | |
| 30 | Horace Enterprises Ltd | €30.00 | €30.00 | D | PF | Commemorative plaque for Mr Graham David Woodall | 23/04/2015 | 6527 | 5156 | 5156 | 3340 | |
| 31 | J&S Store | €89.67 | €89.67 | D | PF | filler, spray, brush, white spirit, etc | 05/03/2015 | 7428 | 5119, 5125, 5137, 5141 | 5119, 5125, 5137, 5142 | 2210 | |
| 32 | J&S Store | €170.87 | €170.87 | D | PF | flexible pipes, box of screws, traffic cones, etc | 02/04/2015 | 7441 | 5141, 5148, 5154, 5159 | 5141, 5148, 5154, 5160 | 2210 | |
| 33 | J&S Store | €132.05 | €132.05 | D | PF | Silicone clear, silicone white, elbows, etc | 23/04/2015 | 7448 | 5159, 5160, 5161 | 5159, 5160, 5162 | 2210 | |
| 34 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Ground warden - Apr 15 | 30/04/2015 | 158740 | n/a | n/a | 3191 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Lawrence Azzopardi | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery at 21st September Avenue | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18671 |
| 36 | Louie Camilleri | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery at Pjazza Toni Bajada | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18670 |
| 37 | Malta Dairy Products Ltd | €65.00 | €65.00 | D | PF | 40 Milk 1000ml & 130 yogurts "Health Week" | 23/04/2015 | 123763 | 5153 | 5153 | 3370 | |
| 38 | Mark Alan Sciberras | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable deposit for placing machinery at Triq Jules Verne | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18669 |
| 39 | Ozosystem Ltd | €422.66 | €400.20 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Mar 15 | 31/03/2015 | 28646 | n/a | n/a | 3055 | |
| 40 | Polidano Brothers Ltd | €11,840.52 | €11,840.52 | T | PF | Reconstruction of pavement in Triq it-Tunnara, BIC | 22/04/2015 | 162687 | n/a | n/a | 7101 | |
| 41 | Raymond Vella | €100.00 | €100.00 | D | PF | Opening of drainage blockage at Naxxar Public Convenience on the 21/4/2015 | 23/04/2015 | Nxr 1/15 | 5155a | 5155a | 2310 | |
| 42 | Saint Nicholas College Naxxar Boys Secondary | €500.00 | €500.00 | D | PF | Renting of school premises for the period Sept 14 till Jun 15 (LLL courses 2014/2015) | 29/04/2015 | LLL 2014/2015 | n/a | n/a | 3381 | |
| 43 | Stefan Grima | €15.00 | €15.00 | D | PF | Refund with regards to the Pilates Class 3/2015 (cannot attend due to personal reasons) | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 18645 |
| 44 | The Lighthouse Keepers | €37.24 | €37.24 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1774 | n/a | n/a | 3065 | |
| 45 | The Lighthouse Keepers | €78.84 | €78.84 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1775 | n/a | n/a | 3065 | |
| 46 | The Lighthouse Keepers | €35.47 | €35.47 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1777 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €31.34 | €31.34 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1779 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1780 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €125.04 | €125.04 | T | PF | Maintenance on lamp | 04/03/2015 | KLNX1781 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €16.30 | €16.30 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1776 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €30.00 | €30.00 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1778 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €53.16 | €53.16 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1782 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1783 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €104.45 | €104.45 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1784 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1785 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €42.29 | €42.29 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1786 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1787 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1788 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €107.73 | €107.73 | T | PF | Maintenance on lamp | 18/03/2015 | KLNX1789 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Maintenance on lamp | 26/03/2015 | KLNX1790 | n/a | n/a | 3065 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Maintenance on lamp | 26/03/2015 | KLNX1791 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Maintenance on lamp | 06/04/2015 | KLNX1792 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €33.08 | €33.08 | T | PF | Maintenance on lamp | 06/04/2015 | KLNX1793 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | Vodafone MT | €119.59 | €119.59 | D | PF | Telephony monthly bill - 79404014 - Mar 15 | 01/04/2015 | 4591583042015 | n/a | n/a | 2160 | 18602 |
| 65 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly bill - 99370990 - Mar 15 | 01/04/2015 | 4595593042015 | n/a | n/a | 2160 | 18649 |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | €4,192.77 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Mar 15 (1st half) | 01/04/2015 | 56408 | n/a | n/a | 3040 | |
| 67 | WasteServ Malta Ltd | €4,411.32 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Mar 15 (2nd half) | 15/04/2015 | 56724 | n/a | n/a | 3040 | |
| 68 | Zammit Trading Ltd | €137.89 | €137.89 | D | PF | Napkins, cups, etc for the Health Week in Naxxar | 17/04/2015 | 191082 | 5154a | 5154a | 3370 | 18653 |
| | | **€43,209.63** | **€39,610.50** | | | | | | | | | |

**B**

**Income list for the month of April 2015** **04/05/2015**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0000 | ESF Project re. Italian student internship Lucia Girotto | €400.00 |
| 0000 | Kunsill Malti ghall-Isport re-imbursement 50% | €3,535.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €345.00 |
| 0023 | Cultural activities | €130.00 |
| 0025 | Skip Permit | €203.36 |
| 0026 | Crane Permit | €777.39 |
| 0027 | Kiosk Permit | €46.58 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €155.36 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €104.82 |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 0200 | Debtors | €2,004.55 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,070.00 |
| | **TOTAL** | **€9,779.05** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 14199 |
| | To | 14508 |

## Purchase Order list for the month of April 2015 04/05/2015

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/04/2015 | 5139a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.50 |
| 02/04/2015 | 5140 | COA Ink & Toner | Colour Toner + Black for Front Desk | €264.89 |
| 02/04/2015 | 5141 | J&S Store | Remover, sandpaper, white spirit, brushes, etc. | €25.80 |
| 02/04/2015 | 5142 | CasaSoft Ltd | Naxxar Walks Hosting website Apr 15 till Mar 16 | €413.00 |
| 02/04/2015 | 5143 | CV Woodworks | Plywood for covering gutter in Triq il-Kappella ta' Santa Marija | €31.00 |
| 02/04/2015 | 5143a | Maypole Ltd | 350 ftiras for Health Week | €56.00 |
| 06/04/2015 | 5144 | Carol Cassar | Tuition of Pilates Classes starting in Apr 2015 (2) Nxr, etc | €500.00 |
| 07/04/2015 | 5145 | CSD Office Trade | Stationary | €29.40 |
| 10/04/2015 | 5146 | Gauci Borda | Flags | €411.70 |
| 10/04/2015 | 5147 | Central Asphalt Ltd. | Patching of non urban roads - list of 6 roads | |
| 10/04/2015 | 5148 | J&S Store | traffic cones, box of screws, whasers. | €74.12 |
| 10/04/2015 | 5149 | Leo's Garage Paramount | Apr 2015 Cultural Tour BIC Monte Cristo | €65.00 |
| 10/04/2015 | 5150 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €122.98 |
| 10/04/2015 | 5151 | ELC | Cattoli, plants and churchees trees | €1,593.05 |
| 10/04/2015 | 5152 | GS Superstore | Lora green sliced olives, vera naturale 50cl "Health Week" | €30.15 |
| 10/04/2015 | 5153 | Malta Dairy Products Ltd | Milk & yogurts "Health Week" | €65.00 |
| 16/04/2015 | 5154 | J&S Store | Gas lamp & reefle | €19.90 |
| 17/04/2015 | 5154a | Zammit Trading Ltd | Napkins, cups, etc for the Health Week in Naxxar | €137.89 |
| 17/04/2015 | 5154b | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 18/04/2015 | 5155 | CV Woodworks | 4 black shutter sheets for Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna | €145.56 |
| 20/04/2015 | 5155a | Raymond Vella | Opening of drainage at the Public Convenience | €100.00 |
| 21/04/2015 | 5156 | Horace Enterprises Ltd | Plaque in memory of Graham David Woodall | €30.00 |
| 22/04/2015 | 5156a | EHL Hire Shop | Hire of jigger | €38.00 |
| 23/04/2015 | 5157 | Koptasin | Street name: Triq Edward Pirotta | €16.63 |
| 23/04/2015 | 5158 | B Grima & Sons | Dog foul bin in Triq ix-Xambekk | €142.19 |
| 24/04/2015 | 5159 | J&S Store | Ramel, bulb, plates, screws, pipes, etc | €86.51 |
| 24/04/2015 | 5160 | J&S Store | clips, screws, tape, bottle trap, taflon tape, etc | €90.36 |
| 24/04/2015 | 5161 | J&S Store | Liquid soap, tees, silicone clear. | €38.77 |
| 27/04/2015 | 5162 | J&S Store | Adapter, flexible pipes, clips, tees, etc | €22.52 |
| 27/04/2015 | 5163 | Anthony Galea | Tiswija ta' Bandli, tiswija ta' mera u fanal, brackits, tiswija ta' barier, tiswija ta' tabella | €100.00 |
| 30/04/2015 | 5164 | S&S Bathrooms | Tiles for the staff toilets | €25.00 |
| 30/04/2015 | 5165 | J&S Store | Floor cloth, tap, wall plate, elbows, pkt sleeves, mixer, etc | €70.76 |
| 30/04/2015 | 5166 | J&S Store | Black cement, zrar, ramel, shower waste, bolt, etc | €43.94 |
| | | | **Total** | **€4,881.16** |